

**Rikors ippreżentat fil-31 ta' Marzu 2022 – Gönenç vs EUIPO – Solar (termorad
“ALUMINIUM PANEL RADIATOR”)**

(Kawża T-172/22)

(2022/C 207/68)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Salim Selahaddin Gönenç (Konya, it-Turkija) (rappreżentant: V. Martín Santos, lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Solar A/S (Vejen, id-Danimarka)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża: it-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva termorad “ALUMINIUM PANEL RADIATOR” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 027 358

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-18 ta' Jannar 2022 fil-Każ R R 770/2021-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sabiex it-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 18 027 358 tingħata fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-intervenjenti u/jew lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti frabta ma' dan ir-rikors u l-ispejjeż proċedurali kollha kkawżati mid-deċiżjonijiet tal-EUIPO.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' April 2022 – Novartis vs EUIPO – AstraZeneca (BREZTREV)

(Kawża T-174/22)

(2022/C 207/69)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Novartis AG (Basel, l-Isvizzera) (rappreżentant: A. Nordemann-Schiffel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: AstraZeneca AB (Södertälje, l-Isvezja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni “BREZTREV” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 088 373

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Jannar 2022 fil-Każ R 738/2021-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' April 2022 – Novartis vs EUIPO – AstraZeneca (BREZTRI)

(Kawża T-175/22)

(2022/C 207/70)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Novartis AG (Basel, l-Isvizzera) (rappreżentant: A. Nordemann-Schiffel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: AstraZeneca AB (Södertälje, l-Isvvezja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni “BREZTRI” – Trade mark tal-Unjoni Nru 17 816 687

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Jannar 2022 fil-Każ R 737/2021-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 27(3)(b) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1430;
 - Ksur tal-Artikolu 60(1)(a) flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
-